

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 537/2011

tal-1 ta' Ġunju 2011

dwar il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi fl-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi għandu jiżgura li l-kwantità annwali awtorizzata skont il-liċenzji għall-produtturi u l-importaturi individwali ma taqbiżx 130 % tal-medja annwali tal-livell ikkalkulat ta' sustanzi kkontrollati liċenzjati għall-produttur jew l-importatur għal użi essenzjali fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi mill-2007 sal-2009 u li l-kwantità totali annwali awtorizzata skont il-liċenzji, fosthom il-liċenzji għall-idroklorofluworokarburu skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009, ma għandhiex taqbeż 110 tunnellati f-potenzjal ta' tnaqqis fis-saff tal-ożonu (minn hawn 'il quddiem "PTO").
- (2) Il-kwantitajiet totali ta' sustanzi kkontrollati li jistgħu jintużaw fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi minn ditti li pproduċew jew impurtaw b'liċenzja mill-2007 sal-2009 ma jistgħux jaqbeżu 77 243,181 kilogramma PTO,

li qed jiġu kkalkulati abbażi tal-produzzjoni u l-importazzjonijiet liċenzjati fil-perjodu ta' referenza.

- (3) Id-differenza mill-kwantità massima ta' 110 tunnellati PTO (32 756,819 kilogramma PTO), kif ukoll il-kwantitajiet li għalihom ma ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni mill-impriżi li pproduċew jew importaw b'liċenzja mill-2007 sal-2009, għandhom jiġu allokati lil impriżi li ma nhargulhomx liċenzji għall-produzzjoni jew l-importazzjoni fil-perjodu ta' referenza bejn l-2007 u l-2009. Il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni għandu jiżgura li l-impriżi kollha li jitolbu kwota ġdida jirċievu sehem xieraq mill-kwantitajiet li jkunu ser jiġu allokati.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti għas-sustanzi kkontrollati għall-użu fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi għandhom jiġu allokati lill-produtturi u l-importaturi li ma nħarġitilhom l-ebda liċenzja għall-produzzjoni jew l-importazzjoni mill-2007 sal-2009 skont il-mekkaniżmu stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

ANNEX

Mekkaniżmu tal-allokazzjoni

1. *Id-determinazzjoni tal-kwantitajiet għall-allokazzjoni lill-impriżi li mill-2007 sal-2009 ma nħarġitilhom l-ebda liċenzja għall-produzzjoni jew l-importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi essenzjali fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi (impriżi ġodda)*

Kull impriża li fis-snin 2007 sa 2009 kienet liċenzjata għall-produzzjoni jew l-importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati għal użi essenzjali fil-laboratorji u għal skopijiet ta' analiżi għandha tirċievi kwota korrispondenti għall-kwantità mitluba fid-dikjarazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009, iżda li ma għandhiex taqbeż 130 % tal-medja annwali tal-livell ikkalkulat ta' sustanzi kkontrollati liċenzjati għal din l-impriża mill-2007 sal-2009.

It-total ta' dawn l-allokazzjonijiet se jitnaqqas mill-110 tunnellata PTO biex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi l-ġodda (kwantità għall-allokazzjoni fil-Fażi nru 1).

2. *Fażi nru 1*

Kull impriża għda ser tirċievi allokazzjoni li tikkorrispondi mal-kwantità mitluba fid-dikjarazzjoni tagħha, iżda mhux aktar minn sehem pro rata tal-kwantità tal-allokazzjoni għall-Fażi nru 1. Is-sehem pro rata jiġi kkalkulat billi l-għadd ta' impriżi ġodda jiġi diviż b'100. It-total tal-kwoti allokati fil-Fażi nru 1 jitnaqqas mill-kwantità għall-allokazzjoni fil-Fażi nru 1 ħalli tiġi ddeterminata l-kwantità tal-allokazzjoni għall-Fażi nru 2.

3. *Fażi nru 2*

Kull impriża għda, li fil-Fażi nru 1 ma nġhatx 100 % tal-kwantità mitluba fid-dikjarazzjoni tagħha, se tirċievi allokazzjoni addizzjonali li tikkorrispondi mad-differenza bejn il-kwantità mitluba u l-kwantità li nġhatat fil-Fażi nru 1, iżda li ma għandhiex taqbeż is-sehem pro rata tal-kwantità għall-allokazzjoni fil-Fażi nru 2. Is-sehem pro rata jiġi kkalkulat billi l-għadd ta' impriżi ġodda eliġibbli għal allokazzjoni fil-Fażi nru 2 jiġi diviż b'100. It-total tal-kwoti allokati fil-Fażi nru 2 jitnaqqas mill-kwantità għall-allokazzjoni fil-Fażi nru 2 ħalli tiġi ddeterminata l-kwantità tal-allokazzjoni għall-Fażi nru 3.

4. *Fażi nru 3*

Tiġi rrepetuta b'mod analogu l-Fażi nru 2 sakemm il-kwantità li jibqa' biex tiġi allokata fil-Fażi li jmiss tkun iżgħar minn tunnellata (1) PTO.
